# IL-PULIZIJA

## MAGAZINE

Ħarġa Vol. 10 - Nru. 2

PULIZIJA TA' MALTA

DOMINE DIRIGE NOS



*Xewqat Sbieħ*

*Għall-Milied u s-Sena 2000*

# "L'enfant Terrible"

## Innovative and Seductive...










**MICHAEL ATTARD LTD**
National Road, Blata l-Bajda Tel. 238854
Gozo Agent: Attard Auto Dealer Tel. 559453

206

PEUGEOT
*Engineered to be Enjoyed*

**EDITORJAL:**

# NĦARSU 'L QUDDIEM

L-editorjal ta' l-ewwel ħarġa tal-'magazine 'Il-Pulizija li ħareġ fid-29 ta' Marzu,1977,kien ġie miktub hekk, s'issa veru li la kellna gażżetta tagħna, la kellna folju,sejjaħlu li trid bħalma għandhom illum diversi soċjetajiet, għaqdiet u saħansitra anke t-tfal ta' xi skejjel.

Dan il-Magazine ilu jiġi ppublikat għall-aktar minn 22 sena u f'dan il-perjodu l-problemi biex jiġi ppublikat ma naqsux. Kienu diversi l-problemi u li kien hemm żmienijiet li dan l-uniku 'vuċi' li għandu l-Korp kellu jieqaf, però bl-għajnuna ta' ħafna dan il-Magazine kompla jiġi ppublikat minkejja d-diffikultajiet.

Wasalna għall-aħħar ħarġa ta' dan is-seklu, liema seklu ra tibdil sħiħ jiġri f'kull aspett tal-ħajja tagħna. Kien propju f'dan is-seklu li twaqqaf il-Korp tal-Pulizija Maltija jigifieri 1814 minn Sir Thomas Maitland u minn dak in-nhar sal-lum saru tibdiliet kbar fl-oqsma kollha tal-Korp. Matul dan il-perjodu mhux kollox kien ward u żgħar, kien hemm perjodi negattivi però dawk pożittivi ma naqsux u kienu bosta dawk pożittivi li ġraw matul dawn il-185 sena.

Kull membru tal-Korp irid jitgħallem mill-passat, però irridu nħarsu lejn il-Millenju il-ġdid b'ottimiżżmu, imma biex dan iseħħ irridu nkun magħqudin. Kull wieħed u waħda minnha għandu jfittex biss dak li jaqgħadna u għadna lkoll naħdmu għal dan il-għan. Mhux biżżejjed li jkollna kondizzjonijiet tajba u għodda sofistikata biex naħdmu jekk ma nkunux maqgħuda flimkien sabiex niġġieldu l-kriminalita' li qiegħda tkun organizzata aktar minn qatt qabel.

Aħna nħeġġu lill-membri tal-Korp biex iżidu l-isforzi tagħhom u nagħtu sehem aktar biex il-poplu jkun jista' jgħix aktar fil-paċi. Biex dan iseħħ jinħtieġ il-koperazzjoni ta' kullħadd mill-kbir saż-żgħir. L-amministrazzjoni jinħtiġielha tara li jsir dak kollu li hu xieraq biex ix-xogħol isir b'aktar spirtu u armonija billi tara li d-dmirijiet issiru u drittijiet jiġu mħarsa.Meħtieġ fuq kollox il-koperazzjoni tal-pubbliku li tant għandu għal qalbu l-bon-ordni u li jista jgħin lill-pulizija fix-xogħol tagħha billi jgħaddi dik l-informazzjoni meħtieġa. B'hekk biss jista jkollna Millenju ġdid ta' sodisfazzjon kemm għalina kif ukoll għas-soċjeta' Maltija.

Ninsabu fi żmienijiet ta' festi u minn din il-paġna l-Bord Editorjali tal-'Magazine 'Il-Pulizija' jixtieq jibgħat l-isbaħ xewqat għall-festi tal-Mieled u s-sena u Millenju ġdid lill-membri tal-Korp u l-familjari tagħhom, pensjonanti u l-familjari tagħhom u lill-qarrejja kollha ta' dan il-Magazine.


**Editur:**

*Ps 512* *Martin ELLUL*

**Membri Bord Editorjali:**

*Inspector* *David SALIBA*
*PS. 777* *Joseph SALIBA*
*Mr. Vincent Zahra*
*Mrs. Doris Zammit*

**Volum 10 Numru 2**
Maħruġ mill-Pulizija

Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbgħat lill:

***Editur "Il-Pulizija",***
***C.M.R.U.***
***Police Headquarters,***
***Floriana CMR 02.***

Il-materjal li jiġi pubblikat f'dan il-magazine mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Bord Editorjali.

"Il-Pulizija" tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklami li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom u nħeġġu lil qarrejja biex jagħmlu użu minnhom.


**F'DIN IL-ĦARĠA**


3 Messaġġi ta' l-okkażżjoni
4 Malta Police Association
6 Kapillan tal-Korp
7 Għaqda Qraba u Dipendenti
9 Attivitajiet
10 Bullying
12 Pulizija Pensjonanti
13 Pulizija Pensjonanti
15 Bullying
18 L-ewwel Assedju ta' l-1565
20 Xorb bil-moderazzjoni SEDQA



**Issettjat u Stampat:**

PALPRINT PRESS,
O/L OF MERCY STR., ZEJTUN.
TEL/FAX: 678609




**Ritratt tal-Kopertina meħud minn Pc 960 J. Sammut**

Because there's

# only one you

BUPA is dedicated to giving
you the best possible care



BUPA provides first-class healthcare cover and
reassurance to the residents of Malta and Gozo

To find out more about joining BUPA call BUPA Malta direct on **244 162**. Please enquire about how you can save on your subscriptions by forming a group. Or send this coupon to us at: BUPA Malta, BUPA House, 32 St. Paul Street, Valletta VLT 07.

I am interested in BUPA cover for: ❑ My family ❑ A group (organisations, associations and company paid groups)

for medical treatment in: ❑ Private clinics in Malta ❑ Private Hospitals in Malta ❑ Malta & U.K. ❑ Worldwide (excluding USA & Canada) ❑ Worldwide

Name *(Mr/Mrs/Miss/Ms)* ..........

Address ..........

..........

Telephone No. ..........

BUPA Malta

*Service without compromise*

# Messaġġ lill-Korp għall-Millenju il-Ġdid mill-Ministru tal-Intern

Fuq il-għatba tal-millenju il-ġdid, il Korp tal-Pulizija irid jeżamina lilu nnifsu aktar minn qatt qabel sabiex jilqa għall-isfidi tal-era moderna.

Huwa veru illi l-problemi żdiedu. Żdiedet il-possibilità tat-twettiq tar-reati mhux biss għaliex żdiedet il-popolazzjoni f'dan is-seklu, iżda wkoll għaliex it-taħlit, iż-żjieda fil-kuntatti u kommunikazzjoni, l- iżvilupp fit-teknoloġija, kattru l-okkażjonijiet ta' ksur ta' liġi.

Iżda daqstant ieħor, żdiedu il-mezzi li bih wieħed jista', iktar minn qatt qabel, jikkontrolla aħjar ir-reati u min iwettaqhom. Il-mezzi li toffrielna l-era moderna ta' teknoloġija li dejjem tavvanza, jekk użati tajjeb, isaħħu idejn il-forzi tal-ordni fil-ġlieda kontra il-kriminalità.

Huwa veru li dan jirrikjedi għajnuna u investiment. Iżda jirrikjedi wkoll viżjoni. L-isfida vera tal-Korp fis-snin li ġejjin fil-bidu ta' millenju il-ġdid, hija dik li joħroġ mill-qadim għall ġdid, li kulħadd jifhem li il-mezzi u attitudini tal-bieraħ ma humiex bil-fors tajba għal-lum.

Irridu wkoll naħsbu għal ħaġa oħra. Spiċċa llum iż-żmien ta' awtorità bla rażan; il-biża' mill-awtorità, llum ma għadux dak li kien dari. F'ħafna aspetti dan hu żvilupp posittiv; ħafna awtorita' f'idejn grupp jew korp ta' nies iwasslu illum jew għada għall-abbuż. Mill-banda l-oħra, mhux biss il Korp, iżda l-istituzzjonijiet l-oħra kollha, jeħtieġ li jżommu id-dinjità tagħhom; mhux bil-biża' u t-theddid, iżda bir-rispett li tinħoloq mill-fiduċja. Ma rridux inwaħħlu l-iżvilupp fid-dinja tad-drittijiet tal-bniedem bħala xkiel; iżda għandna nużaw il-mezzi kollha biex dawn ma jiġux abbużati, la mill-pulizija li ma tosservahomx, u lanqas mill-individwu li jużahom għal ebda skop ieħor ħlief li ifixkel ix-xogħol tal-Pulizija.

Iżda ikrah u traġiku jkun dak il-jum li fih il-Pulizija flok jimxu il quddiem huma, joqogħdu jeqirdu li l-għerq ta' kull ħażen li hawn madwarna hu tort tad-drittijiet tal-bniedem .

Irridu għalhekk nilqgħu għall-isfidi ġodda b'kuraġġ ġdid. Ma għandi l-ebda dubju illi l-Korp tal-Pulzija bħalma laqa' sfidi oħra fil-passat u adatta ruħhu għall-iżviluppi ġodda fil-ħajja tas-soċjetà Maltija, jintgħaġen hu wkoll mal-iżvilupp li se jġib miegħu il-millenju il-ġdid, biex jibqa jokkupa post speċjali fil-qalba tas-soċjetà Maltija.



Ministru Dr. Tonio Borg

# Messaġġ mill-Kummissarju



Kummissarju tal-Pulizija s-Sur George Grech

Għeżież membri, qraba, u pensjonanti,

Huwa verament ta' pjaċir u sodisfazzjon kbir għalija li għal darb oħra "Il-Pulizija" reġa qed jiġi mitbugħ u mqassam fost il-membri kollha tal-Korp u l-pensjonanti. Dan il-ktejjeb huwa verament wieħed mill-ftit affarijiet li jżommu l-għaqda bejnietna u kif jaf kull min ħadem qrib tiegħi fir-rigward ta' "Il-Pulizija" jiena dejjem sħaqt li dan għandu jkun wieħed mill-għanijiet ewlenija ta' "Il-Pulizija". Nifhem li mhux faċli li wieħed jippublika dan it-tip ta' ktejjeb, iżda nemmen li bil-għajnuna ta' kulħadd, pulizija, pensjonanti, u qraba dan il-għan għandna nilħquh b-inqas tbatija.

Din il-ħarġa tahbat l-aħħar waħda ta' dan il-millenju jew ta' dan is-seklu sejħulu kif tridu. Meta wieħed jisma' b'dawn il-kliem l-ewwel ma jiftakar huwa fil-passat tal-Korp, fl-Istorja tiegħu. Kif nafu lkoll l-istorja tal-Korp tagħna hija, minkejja kollox, waħda glorjuża. Il-Korp tal-Pulizija kien minn dejjem fuq quddiem nett biex jaqdi, jservi u jħares liċ-ċittadini Maltin kif ukoll lill dawk li jiġu jżuruna. Kellna n-nuqqasijiet tagħna iżda ma hemm ebda dubbju li l-maġġoranza qdew dmirhom kif inhu xieraq u minn hawn insellem lill dawk kollha li baqgħu leali u fidili lejn il-ġurament li ħadu meta ħaddnu l-uniformi ta' Pulizija.

Tajjeb li fi żmienijiet bħal dawn wieħed jixħet ħarstu wkoll lejn il-futur sabiex ix-xogħol siewi li sar fil-passat minn dawk ta' qabilna ma jintilifx iżda jisseddaq bil-għaqal tagħna, bl-għaqda, bir-rispett lejn xulxin u lejn il-pubbliku, b-aktar dedikazzjoni għax-xogħol, sabiex isem il-Korp ikompli jogħla l-fuq u l-Korp ikompli jirbaħ il-fiducja tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Kienu diversi l-kisbiet li wettaq il-Korp matul l-aħħar mitt sena. Kisbiet fit-titjib ta' pagi, kundizzjonijiet ta' xogħol, fil-ġlieda tiegħu kontra l-kriminalita. Iżda baqa' ħafna aktar x'nagħmlu lkoll flimkien għall-ġid tagħna lkoll u taċ-ċittadini Maltin. Jiena konvint li flimkien nibqgħu mexjin il-quddiem bil-għajnuna ta' ħutna l-Maltin li fihom insibu l-koperazzjoni meħtieġa kif ukoll fuq kollox dik ta' Alla l-Imbierek li Fih aħna dejjem ittamajna - "DOMINE DIRIGE NOS'

Nagħlaq billi nawgura lill kulħadd l-isbaħ xewqat għall-Milied hieni u sena mimlija risq.

# MALTA POLICE ASSOCIATION

Conseil Europeen des Syndicats de police

*mis-Segretarju Ps 777 J. Zammit*

Matul is-snin kienet dejjem ix-xewqa ta' M.P.A. li jkollha uffiċċju tagħha, għalkemm fil-passat dan l-uffiċċju kien jeżisti però għal xi raġuni jew oħra ma kienx baqa jiffunzjona. F'dawn l-aħħar snin saru diversi talbiet biex l-uffiċċju li kien hemm hekk kif tkun tiela t-taraġ għal personnel section jiġi mogħddi lil M.P.A. bħala uffiċċju, imma peress li dan l-uffiċċju kien ser jiġi utilizzat mit-taqsima tal-finanzi tal-korp aħna ma stajniex nieħduh.

Meta daħlet is-sistema ta' Detail iċċentralizzata u beda ssir xogħol fuq Detail id-depot fuq, ġie battal l-uffiċċju fejn qabel kien hemm R.S.M. Mill-ewwel bdiet ħidma biex dan l-uffiċċju jiġi mogħddi lilna.

Wara li saret talba uffiċċjali lil kummissarju , is-sur Grech xtaq li dan l-uffiċċju jigi mogħddi lit-tlett għaqdiet, jiġifieri:-

M.P.A.
Għaqda Penzjonanti tal-Pulizija.
Għaqda Qraba tal-Membri tal-Korp tal-Puluzija.

Sar qbil f'dan ir-rigward u fil-present għalkemm dan l-uffiċċju mhux qed jinfetaħ regolarment però hemm il-ħsieb li meta tinstab il persuna addattata l-uffiċċju jibda jinfetaħ kuljum.

## X'inhu il-ħsieb għal dan l-uffiċċju.

L-ewwel ma wieħed irid jgħid huwa li M.P.A. tħaddan uffiċċjali tal-korp minn rank ta' spettur l-isfel sa kuntisstabli, dan sa sakemm tidħol il-ligi l-ġdida li l-uffiċċjali kollha jistgħu isiru membri u b'hekk M.P.A. tkun aktar b'saħħitha. It-tieni li jkollok post minn fejn tista tiffunzjona bl-aktar mod professjonali jkun ifisser li dak li qed tagħmel jkun ċentralizzat u l-membri jersqu bit-talbiet u bil-propostti tagħhom b'aktar kumditá. Dan qed ngħiduh minn esperjenza għaliex fil mument kull min qed jiġi bżonn l'għajnuna ta' M.P.A. qed jagħmel dan billi jitkellem mal-membri jew fil kuriduri tad-Depot jew tal-Qorti jew fl-uffiċċini tal-membri tal-kumitat.

Ħaġa oħra li ma rriedx ninsa hija li fost suġġetti oħra l-M.P.A. iddiskutiet mal-Ministru tagħna Dr. Tonio Borg LL.D.li tirrigwardja t-tneħħija ta' l'ingravata. Bħal ma jaf kullhadd dan is-suġġet kien ta kontroversja peress li minħabba it-temp tagħna l'użu ta' ingravata fis-sajf kien ta dwejjaq u tbatija. Intant kif għidt qabel il-Ministru kien qal li ser jara x'jista jsir, fil-fatt mill-lagħqa li saret fil-għodu u minn x'ħin ħareġ il-messaġġ ma kienux għaddew 12 il-siegħa. Il-mertu tat-tneħħija ta' l-ingravata imur ukoll għal-kummissarju li għoġbu jaċċetta t-talba ta' M.PA. Ma' dan irridu nżiedu li l-membri għandhom jilbsu xieraq mingħajr ġiżirajjen u l-qmis tinqafel fl-aħħar buttuna ta' taħt l-għonq.

Kif wieħed jista' jara il-Kummissarju reġa' ħeġġeġ lill-board ta' dan il-magażin biex dan jerġa' jibda jiġi stampat u din id-darba il-kontributur ewlenin ser ikunu t-tlett-għaqddiet li semmejt aktar il fuq, barra minn kekk il-kontribuzzjonijiet ta' membri oħra tal-korp huma milgħquha~ kif ukoll kontrubuturi oħra interessati f'dan il-magażin.

Fl-aħħarnett perss li dan il magażin ser ikun l-aħħar wieħed għal din is-sena w għalhekk inkunu resqin lejn il-festi sbieħ tal-Milied u aktar minn hekk lejn l-aħħar tal-millenju, nagħti l'awguri sbieħ f'isem il-membri ta' M.P.A. lill-Kummissarju u l-familja tiegħu kif ukoll lill-membri tal-Korp u ta' l-għaddiet l'oħra u l-familji tagħhom il-festi t-tajba u l-millenju ta' ġid u saħħa. Nagħlaq bil-Motto tal-pulizija. Mulej iddereġina int għal Millenju ġdid fil-ġid u s-saħħa b'dover aktar qawwi fix-xogħol tagħna.


®Knorr
The brand of
Swiss
quality
Knorr®
The brand of
Swiss
quality
Instant Clear
Chicken Broth
Quality controlled
by KNORR Switzerland
Exclusive distributor
in Malta and Gozo:
Vadala Co. Ltd., Valletta.
Tel: 449592, 449266

# X'SE NAGĦMLU GĦAS-SEKLU U L-MILLENJU L-ĠDID?



P. Raniero Zammit OFMCap., Kappillan tal-Pulizija.

F'nofs il-lejl ta' bejn il-31 ta' Diċembru u 1-1 ta' Jannar li ġej, bl-għajnuna ta' Alla, nibdew is-Seklu 21 u t-Tielet Millenju wara Kristu. Tabilħaqq hawn min jgħid li dawn iż-żewġ avvenimenti suppost li jibdew jingħaddu mill-bidu tas-Sena 2001. Hu x'inhu, aħna jinteressana li d-dinja kollha se tiċċelebrahom fl-aħħar ta' dis-sena. Bħalissa kulħadd jitkellem fuqhom; nisimgħu bihom fuq ir-radju u naqraw fil-gażżetti dwar tħejjijiet kolossali ta' proġetti kbar li se jsiru. Il-ħasra hi li f'ħafna huma dawk li ftit li xejn jaħsbu xi jfissru, l-aktar għalina l-Insara Kattolċi.

Il-Knisja wkoll ħabbret li se tiċċelebrahom billi l-Qdusija Tiegħu l-Papa nieda l-Ġublew il-Kbir għall-istess żmien. Għalina, il-Membri kollha tal-Korp, tal-Pulizija, iċ-ċelebrazzjonijiet tagħhom se jkunu ġranet impenjattivi ħafna bħala forza tas-sigurta'. Imqar fl-għeluq ta' sena komuni u bidu ta' oħra jġibulna dejjem iżjed xogħol mis-sotlu, aħseb u ara dis-sena. Jiena naf li l-Korp u l-Uffiċjali tiegħu qed iħejju ruħhom u lill-Membri kollha biex ikunu ppreparati għal dak kollu li jitolbu ġrajjiet bħal dawn. Nittama u nitlob li l-poplu kollu ta' pajjiżna wkoll jikkopera mal-Pulizija fiċ-ċelebrazzjonijiet, kemm jekk dawn huma attivitajiet reliġjuzi, kif ukoll festi fit-toroq, fi djar privati, f'lukandi u kullimkien. J'alla kulħadd igawdi minn dawn il-festi ta' jiem li jsawwru l-istorja tal-bniedem.

Imma iżjed minn hekk, għalina bħala Insara Kattolċi, minbarra li aħna Pulizija, għandhom ikunu okkażjoni ta' konverzjoni mill-qiegħ. Kulħadd jaf li għadd ġmielu ta' Ħutna Maltin ma għadhomx jgħożżu l-valuri veri Insara u l-anqas iħarsu l-prinċipji tat-tagħlim tal-Imgħallem tagħna Ġesu'. Qed nitilfu l-identita' kristjana ta' ġensna. Qed nibbażaw iżjed fuq il-ħwejjeġ materjali li jgħaddu u jintemmu milli fuq dawk li bihom ngħixu għal dejjem f'għaqda mal-Ħallieq tagħna. L-ironija hija li ftit huma dawk li jiftakru, għax ma jridux jafu, li l-għan ewlini tal-era ġdida li bdiet żewġ millenji ilu kien li Alla niżel jgħammar fostna, bata, miet u rxoxta biex isalvana. Dan seħħ fil-persuna ta' Sidna Ġesu' Kristu. Allura niġu qisna qed niċċelebraw il-birthday tiegħu mingħajr ma nagħtu kas tiegħu u t-tagħlim li tana. Iktar moħħna fil-parties, ikliet kbar, xorb, xalar, kuluri u kulma nistgħu nivvintaw, waqt li ninsew lil min qed niċċelebraw.Lill-Mulej li għamilna wlied Alla!



Il-Motto tal-Korp huwa "DOMINE DIRIGE NOS! - MULEJ MEXXINA!". Għandna nħossuna kburin bih. Kull membru tal-Korp għandu dmir jagħti sehmu sħiħ, immexxi mill-Mulej, lejn is-socjeta' li lilha naqdu, inħarsu u nwennsu. Żgur li fostna hawn bosta li qed jaħsbu biex il-festi tal-Millenju li se jsiru ma nħallux lit-Tarbija Divina Ġesu' barra. Il-Pulizija rridu nkunu ta' eżempju lil ħaddieħor. Ejjew l-ewwelnett inroddu ħajr lil Mulej għal kulma għamel magħna. Nitolbuh jibqa' fina u magħna. Dan jirnexxielna biss jekk min tbiegħed minnu jerġa' jdur lejh bit-talb, bit-taħriġ tas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin, u l-ħarsien u l-għożża tal-ħajja nisranija kif tawhielna missirijietna. J'alla kull Membru tal-Korp igawdi hu u l-familja tiegħu is-sabiħ u t-tajjeb kollu li jġibu festi qaddisa bħal dawn. Hekk inkunu tassew iċċelebrajna s-Seklu u l-Millenju l-ġdid kif jixraq f'għaqda bejnietna u mal-Mulej. Dawn huma x-xewqat li nagħti lil kulħadd. Il-Paci tal-Mulej tkun dejjem magħkom!

# Għaqda Qraba tal-Membri tal-Korp tal-Pulizija

## FEJN HEMM L-GĦAQDA, HEMM IS-SAĦĦA.

Għeżież qarrejja,

Ftit aktar minn sena ilu, biex inkun eżatta nhar it-8 ta' Marzu 1998, grupp ta' nisa u tfal, qraba u dipendenti tal-membri fil-Korp tal-Pulizija, ħadu sehem f' marċ ta' potesta kontra l-miżuri li kienu għadhom kemm tħabbru fir-rigwardl tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-membri tal-korp.

Għalkemm l-attendenza ma kienetx waħda numeruża, din il-protesta, iżda, kienet waħda sinifikanti, għall-fatt li kienet l-ewwel waħda tax-xorta tagħha.

Minn dak in-nhar kibret il-ħeġġa għall-aktar għaqda, aktar impenn minn naħa ta' dawn il-qraba li dehrilhom li setgħu jkunu huma "leħen" żwiegħom, uliedhom u qrabathom, fejn ma setgħux jaslu l-membri tal-korp.

Saru diversi laqgħat li nżammu taħt it-tmexxija tal-konsulent legali, l-avukat, Tonio Azzopardi. Waqt l-ewwel laqgħa ġenerali, Dr Tonio Azzopardi spjega lill-udjenza preżenti, x'inhuma l-għanijiet għat-twaqqif ta' din l-għaqda. L-ewwel u qabel kollox li tippromwovi l-ġid tal-membri tal-korp tal-pulizija f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-impieg tagħhom u li tassigura livell ta' l-għixien xieraq u jkollhom għad-dispożizjoni tagħhom mezzi effiċjenti li huma neċessarji fiż-żminijiet moderni.

"Fejn hemm l-għaqda, hemm is-saħħa". Dan hu l-motto tal-għaqda. Aħna bħala qrabha tal-membri tal-korp ser inkunu "leħen" dawn il-membri li bħala korp dixxiplinat, huma limitati fl-azzjonijiet li jistgħu jieħdu permezz tal-assoċċjazzjoni tagħhom. Waqt il-laqgħa ġenerali li nżammet fis-26 ta' Jannar 1999 inħatru dawn l-uffiċjali ,għas-sentejn ta' wara:-

| | |
|---|---|
| President: | Alfred Bray |
| Vici President\PRO | Doris Zammit |
| Segretarja: | Mary Calleja |
| Kaxxiera: | Irene Pisani |
| Asst. Segretarja: | Michelle Mallia |
| Asst. Kaxxiera: | Mary Aquilina |
| Membri: | Jospeh Mallia |
| | Carmen D'Amico |

Il-kumitat mill-ewwel xammar il-kmiem u beda bi pjan ta' ħidma, fosthom diversi laqgħat mal-awtoritajiet. Iltqajna f'laqgħat kordjali ħafna mal-Ministru tal-Intern, Dr Tonio Borg, li mill-ewwel tana l-appoġġ tiegħu, mal-kummissarju tal-Pulizija, s-Sur George Grech, mal-assoċjazzjoni tal-pulizija, kif ukoll maż-żewġ unions ewlenin, il-Union Ħaddiema Magħquda, u l-General Workers Union, li lkoll wegħduna l-koperazzjoni tagħhom. Il-membri tal-kumitat impenjaw ruħhom ukoll sabiex jiġbru l-ismijiet tal-membri ġodda... fil-fatt għadna għaddejjin b'dan l-eżerċizzju f'diversi sezzjonijiet u għases.

Matul ix-xhur li għaddew l-għaqda kienet strumentali sabiex kemm l-għassa ta' Ħal-Balzan u dik tal-Qawra, ġew irranġati u mogħtija dehra ġdida u ambjent aktar addatat għall-funzjoni li jaqdu, kif ukoll bħala t-tieni dar tal-membri tal-korp, li jridu jgħaddu ġranet u l-iljieli f'dawn l-għases.

L-għaqda qiegħda tinsisti sabiex l-għases kollha jkollhom l-istess trattament.

Jiena nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jagħtuna l-għajnuna u l-appoġġ tagħhom fosthom lid-diversi sponsors li għinuna sabiex nirranġaw l-għases imsemmija. Ma rridx ninsa nirringrazzja lill-Bord Editorjali ta' dan il-magazine, il-"Pulizija", li minn din il-ħarga 'l quddiem għoġbu jagħtina paġna sħiħa ħalli b'hekk inkunu nistgħu naslu għandkom, u mingħajr spejjeż. Għaldaqstant inħeġġeġ lil dawk il-qraba kollha tal-membri tal-korp tal-pulizija sabiex jissieħbu din l-għaqda mingħajr taqtigħ il-qalb u jiftakru li m'hemm xejn xi jżommhom u dan qed isir biss għall-ġid taż-żewġ naħat.

Għaddiet kważi sena, mill-bidu ta' din l-għaqda. Kienet sena xi ftit u xejn movimentata meta tqis kemm kienu fil-mira uħud mill-membri tal-Korp. Aħna dejjem tajna s-support tagħna kif kien meħtieġ.

Il-bidu dejjem huwa tqil. Deħlin f'sena ġdida iżda sena li ser iddaħħalna wkoll f'millenju ġdid. Il-ħolma ta' kull membru tal-kumitat hija li din l-għaqda tikber aktar ma jgħaddi żmien. Żgur li wieħed mill-pjanijiet tagħna għas-sena li jmiss huwa li niltaqgħu f'diversi attivitajiet soċjali, għalkemm dan mhux il-pjan prinċipali tagħna. Aktar minn hekk, diġa' tkellimna kemm mal-ministru, mal-kummissarju u mal-assoċjazzjoni dwar skema ta' sigurta' fuq il-ħajja, f'każ ta' mewt u inċidenti għall-membri tal-korp. Kulħadd jaqbel li din hija l-prijorita' tal-millenju li rridu naħdmu ħafna u iebes fuqha, meta tqis il-perikli kbar u kontinwi li qed jiltaqa magħhom il-membri tal-korp waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Nagħmel appell biex dawk li għadhom mhumiex membri jersqu 'l quddiem u jgħaddulna isimhom.

Kull min jixtieq jibgħat xi korrispondenza lill-għaqda jista' jikteb lis-segretarja f'dan l-indirizz, Mrs Mary Calleja,, 'Avalon', 28, Diodorus Siculus Str., St. Julians.

Nieħu din l-opportunita', sabiex f'isem il-membri tal-kumitat tal-Għaqda Qraba tal-membri tal-Korp tal-Pulizija, nawgura lill-membri kollha u l-familji tagħhom Milied hieni, u awguri għall-millenju ġdid mimli prosperita'.

Intenni l-motto tagħna, "Fejn hemm l-għaqda, hemm is-saħħa".

***Doris Zammit***

***P.R.O.***

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

## GENERAL BUILDING CONTRACTORS



JOSMAR HOUSE,

TRIQ ID-DIFIŻA ĊIVILI, MOSTA

Tel.: 410111 - 432222 - 432299 - 433408

Fax: 412299



# Attivitajiet fil-Milied



## Party għat-tfal

**Party għat-tfal tal-membri tal-Korp tal-Pulizija nhar il-Ħamis 23 ta' Diċembru 1999, ser isir fis-sala Sir Temi Zammit Hall ta' l-Universita' ta' Malta mit-3.30 ta' wara nofs in-nhar il-quddiem.**

**Tfal ta' bejn is-6 u 10 snin jistgħu jattendu għal dan il-party bil-biljett maħruġ mill-Kumitat ta' l-Entertainment tal-Pulizija. ta' bejn it-3 u l-5 snin jkunu jistgħu jiġbru r-rigal wara l-party bil-biljett mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.**

## DINNER DANCE



Dinner Dance tal-Milied
fil-Jerma Palaca Hotel Marsascala
għall-membri tal-Korp, familjari tagħhom u ħbieb,
pensjonanti tal-pulizija u familjari tagħhom nhar il-Ħamis 30 ta' Diċembru 1999 mit-8.30 p.m. il-quddiem.
Dawk interessati li jattendu huma mitluba sabiex jakkwistaw il-biljetti tagħhom mingħand
PS 512 Martin Ellul CMRU jew PS 506 Charles Zammit Traffic,
għall-prezz ta' għaxar liri kull persuna.
Ser ikun hemm live entertainment.
Biljetti huma limitati.

# SEWQAN TAL-ĠENN

Qomt kmieni, soqt bil-galbu,
Xtaqt li nipparkja għad-dell.
Iltqajt ma' pandemonju,
Kaos, ġenn sħiħ u rvell.

Fil-Ħamrun, Strada Rjali,
Żammejt brejk, bir-raġun,
X' ħin quddiemi sibt wieħed
Jidher kemmxejn miġnun.

Kellu "biċċa" b'żewġ roti
Beda jdur 'l hawn u 'l hinn,
Kif baqa', jibbilinċja
Stagħġibt għax veru żinn.

Ippruvajt nibqa' f' posti,
Qabadni ħass ħażin,
(Tal-Mercedes quddiemi
Kien jitħarrek bl-għoxrin!)

F'daqqa waħda sirena
Ħasditni għal mument.
Ħarist fil-mera u rajtu;
Kien ġej il-President.

Tat-Traffik beda jpaqpaq,
Ta' warajja kien għab.
Ieħor li kien qed jaqla'
Żamm brejk, u mlieni trab.

U jien sewwieq msejken
Vittma ta' dan l-irvell
Kaħħluni bejn żewġ " mostri "
W hemm bqajt.....għax sibt id-dell!

Rita Debono
Lulju 1999

# BULLYING

By Community and Media Relations Unit

**How widespread is bullying?**

When people mention bullying, many automatically think of bullying in school. It is estimated that as many as 1 in 4 children in primary schools and 1 in 10 children in secondary schools are bullied.

But bullying can occur anywhere. It is a common occurrence in the street and around people's houses. Many people are bullied inside their own homes. Bullies use intimidation and violence on others who may be weaker or more vulnerable than themselves. The elderly are particularly vulnerable and can suffer at the hands of neighbourhood children making their lives a misery. A single occurrence of this type of bullying may have serious consequences on an elderly person's life-style and confidence.

Women are also a particularly vulnerable group and it is estimated that up to 53% of adults are bullied by their partners, 15% of these physically - the majority of these are women. Domestic violence can lead to severe psychological damage for adults and children. What some may disparagingly call 'nagging' or 'put-downs' can ruin your life if they continue unremittingly. Intimidation or actual physical abuse can make you feel trapped, turning your home - which should be a refuge - into a prison. Men suffer bullying as well as women, even though they may find it harder to admit to themselves, much less to others. Thousands of children every year are seriously affected by bullying, both in school, at home and in the street. Bullying can result in children and adults suffering from untold anxiety and trauma, establishing no-go areas in the neighbourhood and becoming housebound much of the time.



**What is bullying?**

Bullying is not always easy to define. It may be:

Physical Pushing, kicking, hitting, pinching and other forms of violence or threats. Verbal Name-calling, sarcasm, spreading rumours, persistent teasing. Emotional Excluding someone from friendship groups, tormenting, ridicule, humiliation. Racist Racial taunts, graffiti, gestures. Sexual Unwanted physical contact or abusive comments. Repeated Hurtful acts one-against-one or several-against-one. Isolated hurtful acts may not necessarily constitute bullying - they may be part of children learning to live and play together.

**Young people have described bullying as:**

- being called names;
- being teased;
- being pushed, pulled, pinched or kicked;
- being hit or attacked;
- having your bag and other possessions taken;
- being ignored or left out;
- being forced to hand over money;
- being attacked because of religion, gender or colour.

Anyone can be subjected to bullying. It may be the case that some children are bullied because they are different in some way (they may have a disability, or speak with a different accent, for example) but many other children are bullied for no obvious reason.

Acknowledging that a child is bullied for a reason may also be seen as justifying the bully's behaviour. For example, making a child lose weight so bullies will stop calling them 'Fatty' may suggest to a child that the bullying is hisćher own fault. However, children who persistently skit, ridicule and name-call may be storing up trouble for themselves in the future.

**What are the effects of bullying?**

Bullying hurts - it is distressing and frightening. Children can become isolated and lonely. Over a period of time, children's self-esteem can be affected. They may begin to feel demoralized and powerless to stop the bullying. Bullied children may feel that it is their fault, that there must be something wrong with them. Their schoolwork can become affected, as they lose concentration and perhaps begin to skip lessons. Sometimes the thought of going to school is so terrifying that children pretend they are ill or refuse to attend. The effects of bullying can continue into adult life. There are those who say

*continued on page 15*




EAGLE BEAMS LTD

*Eagle Beams Ltd. operates a manufacturing plant with the most technologically advanced equipment available, capable of producing 300 sq.m. per day of prestressed hollow core roofing slabs.*



POLIDANO GROUP

Polidano Brothers · CEMENT MIX · POL MIX · APSI QUARRY · MAIT

# Għaqda Pulizija Pensjonanti

*Affiljati mal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Anzjani*

## IL-MILIED IT-TAJJEB U SENA ĠDIDA MIMLIJA PROSPERITA' GĦAL MILLENNJU ĠDID

Il-President u l-Kunsill tal-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti jixtiequ l-Milied it-Tajjeb u Sena Ġdida ta' Saħħa u Prosperita' għal Millenju Ġdid lill-Membri Kollha tal-Għaqda tagħna u l-Familji tagħhom.

Meta wasalna biex intemgħu dan is-Seklu għandna nħarsu lejn il-Millenju Ġdid, bl-akbar kuraġġ għal ġejjieni aħjar.

Aħna għandna nħarsu lejn is-Seklu li kważi spiċċa biex naraw il-kisbiet li saru f'dik li hija ħajja itwal għall-Anzjani bħalna, grazzi ghall-avvanzi li saru fl-iżvilupp tax-Xjenza Medika.

Nieħdu din l-okkażjoni biex dawn ix-xewqat tagħna jkunu wkoll għall-Membri Kollha tal-Korp tal-Pulizija li ghadhom fis-servizz, u l-familji tagħhom.

Nestendu wkoll dawn ix-xewqat lill-Għaqdiet tal-Pensjonanti speċjalment dawk li qiegħdin magħna rappreżentati fil-Kunsill Nazzjonali ta' L-Anzjani, u lis-Segretarjat Parlamentari fil-Ministeru tas-Sigurta' Soċjali, li flimkien naħdmu għal ħajja aħjar għal Pensjonanti kollha.

Inħeġġu lil dawk il-membri tal-Korp li għadhom kif irtiraw mis-servizz biex jingħaqdu magħna fl-Għaqda tagħna biex naħdmu flimkien biex insolvu ftit mill-problemi li niltaqgħu magħhom.

Fl-aħħar u żgur mhux inqas ngħidu grazzi lill-Kummissarju s-Sur Gorg Grech lill-Uffiċjali u l-membri tal-Korp li dejjem sibna fihom l-għajnuna li kellna bżonn,lill-editur tal-magazine "Il-Pulizija" għal faċilita' li dejjem tagħna biex stajna ngħaddu l-informazzjoni meħtieġa lill-sħabna membri tal-Għaqda tagħna.

VINCENT P. ZAHRA
VIĊI-PRESIDENT

## INTERVISTA MA' EMMANUEL XUEREB EX-PS 159

### KITBA TA' VINCENT P. ZAHRA VIĊI-PRESIDENT

Emmanuel Xuereb twieled Ħaż-Żabbar fis-7 ta' Settembru l909,iben Saviour u Catherina nee' Cassar. Emmanuel iżżewweġ Margaret nee' Xuereb fit-30 ta' Jannar l932.Kellhom 8 titfal,7 subien u tifla.

Qabel daħal fil-Pulizija kien jahdem ta' mastrudaxxa fil-Kalkara fuq id-dgħajjes. Manwel kien ukoll Bandist iddoqq mall-Banda ta' San Mikiel, ta' Ħaż-Żabbar, kellu jdoqqu miegħu żewġ ħutu oħra, u hu kien iddoqq it-Trumbun. L-aħħar li daqq kienet fil-festa ta' San Innoċ enzu, fl-Imqabba.

Daħal fil-korp tal-Pulizija fis-l6 ta' Ottubru l929, dan għamlu biex ikollu xogħol aktar sod, u fuq kollox għax kien iħobb il-Korp.

Dak iż-żmien id-Depot tal-Pulizija kien il-Belt Strada Merkanti isfel, quddiem il-Camarata. Hemm konna għamilna kors ta' taħrieġ li dam tliet xhur, dan kien jgħamluh r-rekluti kollha.

Wara dan il-kors intbagħat fuq l-ewwel xogħol li kellu fl-Għassa ta'Ħaż-Żabbar li magħhom kellhom lil Marsascala, hemm kienu jaħdmu bit-tnax il-siegħa,duty kull jum,u tnax il-siegħa stand by fl-Għassa, u ġurnata off fil-ġimgħa sintendi kont trid torqod fl-għassa.

Fis-sajf fis-snin tletin kont inkun duty Marsascala u peress li l-Onor.Dr.Carmelo Mifsud Bonnici LL.D. kien Ministru tal-Ġustizzja u l-familja kellha residenza tas-sajf hemm, kont inkun duty mad-dar tagħhom, sintendi dawn kienu l-ġenituri ta' l-ex-president ta' Malta Dr Ugo Mifsud Bonnici LL.D.

F' dawn iż-żmienijiet l-akbar xogħol kien li wieħed iżomm il-boun-ordni, li filgħaxija jinxtelgħu il-fanali kollha tal-pitrolju fit-toroq, li l-mogħoż li jkunu qiegħdin ibiegħu il-ħalib tagħhom ikollhom is-sarima, u li l-karrettuni biż-żiemel bil-lejl ikollhom il-fanali jixgħelu. F'dak iż-żmien ukoll jidher li kien ikun hemm ġemgħat ta' nies jilgħabu t-tombla,basta mhux għal-flus.

*ikompli paġna 13*

ikompli minn paġna 12

# ............INTERVISTA MA' EMMANUEL XUEREB EX-PS 159

F' Ħaż-Żabbar fis-snin tletin ma kienx hemm aktar minn erbgħa karozzi biss privati, barra c-charabancs tal-linja.

F' Awwissu tal-1936 kien sar "Life Saving Course" għal numru ta' Pulizija u Suldati tar-Rifle Brigade Ingliżi u li kien imexxi minn instructors Ingliżi wkoll. Fil-final test li kien qisu kompetizzjoni bejn iż-żewġ Riġmenti, rebħuwha l-Pulizija.

Fl-I940 ġejt trasferit fit-Traffic section fejn l-aktar xogħol li kenna kien li nieħdu ħsieb il-karozzi tal-linja u l-passiġieri, li naraw li ma jtelgħux żejda u li joħorġu nollijiet eżatt. Sa daż-żmien it-Traffic Section kienet għada mingħajr muturi, għal daqstant il-Kummissarju s-Sur Axisa fl-1943 ħass li għandu jkollna l-muturi u kienu nxtraw 12 il-wieħed second ħand mingħand is-servizzi, tiegħi kien in-Nru.8.

F'Marzu tal-I944 sar eżami biex isiru numru ta' surġenti, jiena kont wieħed milli sirt u ġejt mgħoti l-inkarigu tat-Taqsima tat-Traffiku.

Fit-12 ta' Mejju I947 kelli inċident u ma stajtx insuq aktar il-mutur, ma dan kollu xorta ħallewni fit-Taqsima tat-traffiku.

Matul iż-żmien tal-gwerra kont nieħu ħsieb niskorta l-priġunieri Ġermaniżi fuq xogħol barra St.Andrews fejn kienu jinżammu,fuq il-gangetta u l-qalziet kellhom balla blu stampata, dan biex ikunu jintarfu.

Manuel qallilna wkoll li kien wieħed mill-24 pulizija li kien fuq emerġenza ma' numru ta' suldati li kienu jieħdu ħsieb biex kif ir-Runway ta' Qali tiġi attakkata jieħdu ħsieb jimlew il-ħofor. Mhux l-ewwel darba li waqt li kien għadhom jgħamlu dan ix-xogħol jidħlu l-fighters Ġermaniżi u jibdew jimaxingjaw. Dan ix-xogħol fir-rigwad tal-pulizija kien f'idejn is-Sur Vivian De Gray li kien għadu spettur.

Manuel spiċċa mis-servizz fit-12 ta'Mejju I954 fil-grad ta' surġent tal-Prima. Dak iż-żmien is-salarju tiegħu kien ta' Lm 24 lira fix-xahar u spiċċa bil-penzjoni ta' Lm 15.50 fix-xahar.

Martu Margaret miet fit-3 ta' Novembru I971.

Preżentament u minn dejjem it-tifla unika tagħhom Anie baqgħet miegħu biex tkun tista d-dur bih, sintendi s-subien uliedu jieħdu ħsiebu wkoll. Fl-14 ta' Ottubru I974 ħaseb li reġa qiegħed fiż-zmien ta' gwerra, dan peress li għadda minn storja li ħalliet nieket ġo ħaż-Żabbar, dan meta waqa il-Vulcan, li wieħed mill-ġwinah ġie ftit il-bogħod mid-dar tiegħu, u li p-petrol li beda ħiereġ minnu beda jaqbad taħt il-bankina quddiem il-bieb tiegħu.

Manwel kellhom tifel Joseph li kien pulizija wkoll, li kien daħal fil-Korp fl-4 ta' Ottubru I956, spiċċa f'Marzu 1982 bin-numru.95. Joseph miet fid-9 ta' Marzu I989.

Għal din l-intervista kelli miegħi lis-segretarju għall-Finanzi tal-Għaqda s-Sur Louis Vella fejn xtaqna għomor twil lill-Manuel u ħajja ta' trankwilità u mistrieħ fl-eta ta' kważi 90 sena u lil bintu li qiegħda tieħu ħsiebu u baqgħet xebba għal dan il-għan, nsellmulha għal dak li qiegħda tagħmel ma' missiera, u lil ħuta nixtieqi saħħa u ġid biex ikomplu f'dak li qed jgħamlu ma' missierhom.

## Obitwarju



Ex. Ps 195 J. Busuttil



Ex. SM 59 J. Buhagiar



Ex. Pc 512 J. Gatt



Ex. Pc 693 E. Portelli



Ex. Pc 179 H. Guzman



Ex. Pc 598 J. Amaira

**GHATIHOM O MULEJ IL-MISTRIEH TA' DEJJEM**



Is there a family tradition you've always upheld? If so, drop us a line. We'd like to hear about it.

AT JACK DANIEL DISTILLERY, we're upholding a 134-year-old tradition. One barrel at a time.

Increased demand means our barrelmen are busier than ever these days. But don't worry. Even in this hurry-up world, we're making each batch as slowly as ever—naturally aged in charred oak barrels after charcoal mellowing. That's the way we've made whiskey for 134 years here at Jack Daniel's. And, after a sip, you'll know why we're sticking to tradition.




SMOOTH SIPPIN'
TENNESSEE WHISKEY

*We're glad you like our whiskey. Please enjoy it responsibly.*

Tennessee Whiskey • 40-43% alcohol by volume (80-86 proof) • Distilled and Bottled by Jack Daniel Distillery, Lem Motlow, Proprietor, Route 1, Lynchburg (Pop. 361), Tennessee 37352 • www.jackdaniels.com

*Placed in the National Register of Historic Places by the United States Government.*

continued from page 10

# BULLYING

that bullying is 'good' for a child. 'It is a challenge,' they say, 'it helps children learn how to stand up for themselves. It never did me any harm.' The point here is that neither children nor adults should have to stand up for themselves against this sort of anti-social behaviour. Perhaps being bullied will result in some children growing up into assertive adults. It will result in many more growing up into insecure, unconfident and unhappy adults. It is also likely that it will result in children growing up into overly aggressive adults who use bullying tactics themselves. There is much evidence to support the theory that children who are bullied often turn out to be bullies themselves later in life.

Children can also be affected by witnessing bullying. Children have told of feeling afraid to intervene, in case the bully turns on them, but of feeling helpless and guilty for not doing so. They may not want to tell an adult, for fear of being accused of telling tales.

**What are the effects of persistent bullying:**

Persistent bullying can result in:
Depression Low self-esteem Shyness Poor academic achievement Isolation Threatened or attempted suicide

**What are the signs of bullying?**

A child may indicate by their behaviour that he or she is being bullied.

If a child shows some of the following signs bullying may be responsible and you may want to ask if someone is bullying or threatening them.

Children may:
be frightened of walking to and from school
change their usual route
not want to go on the school bus
beg you to drive them to school
be unwilling to go to school (or be 'school phobic')
feel ill in the mornings
stop trusting people, including those who care about them
begin doing poorly in their school work
come home regularly with clothes or books destroyed
come home hungry (when dinner money has been stolen)
become withdrawn,
start stammering,
lack confidence
become distressed and anxious
stop eating
attempt or threaten suicide
cry themselves to sleep,
have nightmares
have their possessions go missing
ask for money or start stealing (to pay the bully)
continually 'lose' their pocket money
refuse to talk about what's wrong
have unexplained bruises, cuts, scratches
begin to bully other children, siblings become aggressive and unreasonable
give improbable excuses for any of the above.

**Why do children bully others?**

A lot of research has found that bullies bully because they are insecure themselves. They have low self-confidence and low self-esteem and are jealous of other people. The jealousy may stem from popularity, money, intelligence or looks. Bullies often feel inadequate and will cover up these feelings by trying to make other people look or feel worse. Some children bully because they are bullied themselves and it is a way of regaining some control in their lives.

Bullying should never be condoned, but to prevent it happening we must try to understand why some children feel the need to bully.

It is easy to label an anti-social or aggressive child a 'bully' but we must remember that labelling a child in this way has it's own repercussions. Children who are labelled often rebel by 'living up to' that label and the behaviour is perpetuated. Children who bully others have their own problems and reasons why they do so, and while bullying may be 'bad' and an unacceptable mode of behaviour, the child him\ herself is not 'bad'. This may imply an inability to change the unacceptable behaviour which is clearly not the case. Children are not born 'bad' - they learn by example and as humans we are all able to modifying our behaviour, so we must always be aware of the language we use when dealing with incidents of bullying.



# Just drive away without paying a deposit!

DAIHATSU




**This offer is subject to credit approval.**

*Price is subject to rate of exchange.*

**For more information call 320091/2, 330041 at Rue D'Argens, Gzira or 558333 at Arkadia Motors, Victoria, Gozo**

MUSCATS MOTORS

---

The new BMW R 1150 GS

The Ultimate Riding Machine




"On the trail of August Stauch today, all you will find is ghost towns", says Katja Kreder, who has accompanied the photographer Michael Martin on many of his trips through Africa. Nevertheless it is still really special for her to ride on her BMW GS through the places where Stauch once discovered the largest diamond deposits on Earth and where, until the twenties, there were rich towns with post offices, swimming pools and schools. "The next time I come here, I will be able to shine with my new BMW R 1150 GS. After all, its sparkling design and enormous strength means it is quite like a diamond – but on two wheels."

The next original. At home througnout the world - available from Muscats Motors.

The new BMW R 1150 GS • 1130 cc capacity • 85 hp / 62.5 kW 98 Nm
New 6-speed gearbox • Fascinating design

MUSCATS MOTORS

For more information call 320091/2, 330041 at Rue D'Argens, Gzira
or 558333 at Arkadia Motors, Victoria, Gozo

# Priceclub

B'Kara Bypass, Swatar BKR 14
Tel: 339434 - 339436

Valley Road, B'Kara BKR 14
Tel: 494946 - 494947

Burmarrad Road, Burmarrad SPB 08
Tel: 582260 - 582298

Luqa Road, Paola PLA 04
Tel: 803828 - 804634

Sir Paul Boffa Avenue, Paola PLA 19
Tel: 677388 - 662994

Arkadia, Fortunato Mizzi Street,
Victoria, VCT 111 Gozo
Tel: 565200\1\2

# L-Ewwel Assedju ta' 1565

***Il-qawwa u l-kuraġġ ta' La Vallette, flimkien mal-kavallieri u l-maltin fuq is-swar tul is-sittax il-ġimgħa ta' assedju wasslu biex l-imperu Ottoman jiġi mxejjen u mirbuħ.***

L-istoriċi tal-lum iħarsu lejn l-Assedju l-Kbir ta' Malta ta' 1565 bħala l-pajjiż li ma ħalliex lil Imperu Tork ikompli jirbaħ il-Baħar Mediterran fis-seklu sittax. Il-qawwiet Torok damu f'pajjiżna kważi erba' xhur. Huma dawwru u attakaw mill-art u mill-baħar kull forti li kien hawn fuq il-gżira b'kull manjiera u għoddod tal-ġlied li kienu jintużaw f'dak iż-żmienijiet. Iż-żewġ naħat urew egħmejjel ta' ħila u kuraġġ f'din il-gwerra. Meta kien kważi kollox spiċċa l-qlubija tal-Maltin u l-Kavallieri, għad li kienu ferm anqas fin-numru, ħarġu rebbieħa.




Ir-rebħa tal- Kavallieri fuq it-torok xegħlet bil-ferħ lill-Prinċpijiet Insara Ewropej kollha tant li nsibu diversi mapep u inciżjonijiet li jiddiskrivu dak li ġara fl- Assedju ta' Malta. Fost l-istoriċi ta' l-Ordni nsilbu lil Vertot u lil Bosio, li flimkien ma Balbi minn Correggio, li serva bħala suldat tul, l-Assedju fil-Fortizza ta San Mikiel dan kien kavallier Taljan imma serva mal Kavallicri Spanjoli. Id-djarju ta' Balbi kif hu magħruf ix-xogħol tiegħu jagħtina stampa u il-ħajja mill-qrib ta' dak kollu li ġara ġurnata b'ġurnata tul il 114 jum ta' Assedju. Il-Ġrajja kif jirrakonta Balbi hi unika u vera għax hi il-verzjoni ta'persuna li kien presenti matul l-Assedju kollu.

Il-Maltin u l-Kavallieri ma qagħadux reqdin, ibda bdew it-tħejjijiet tagħhom minn ħafna qabel peress li l-Ordni kella spjuni mxerrda ma' l-Imperu Tork. Taħt it-tmexxija tal-Gran Mastru La Vallette, li dak iż-żmien huwa diġa kellu 71 sena, kull rokna dar jew għolja ġiet studjata u vvalutata għall-importanza strateġika tagħha , imbagħad biex l-għadu ma jkunx jista jagħmel użu minnhom. Barra minn hekk ġie maħżun ħafna qamħ. Balbi jżid li mall-500 kavallier kien hawn 31,000 merċenarju u 3,000 Malti flimkien man-nisa u t-tfal.

Id-daħla fil-baħar ta' bejn l-Isla u l-Birgu kienet magħluqa b'katina kbira tal-ħadid. Il-Karrakka l-kbira ta' Ordni ġiet marbuta.Il-Birgu kien il-kwartieri ġenerali ta' l-Ordni u għalhekk il-fortifikazzjonijiet prinċ ipali kienu fuq din ix-xaqliba tal-gżira li kienu il- kastell Sant' Anġlu u Forti San Mikiel fil-ponta ta' l-Isla,

Il-Ġimgħa 18 ta' Mejju 1565 dehru l-mriekeb tal-flotta Torka fuq l-orizzont. Dan kien il-bidu ta' assedju li kellu jdum tul ix-xhur sħan tas-sajf. Kemm damu hawn Malta, t-torok kellhom kontroll sħiħ fuq dak kollu li kien hawn fil-gżira, minnbarra l-postijiet mdawra bis-swar jiġifieri l-Imdina, l-Isla u l-Birgu. Però l-ikbar qlubija dehret ġewwa Forti Sant lermu fid-daħla tal-port. Hemmhekk id-difiża qawwija żammet it-torok milli javviċinaw għal 31 jum, barra minhekk serviet biex bosta torok ġew maqtula u l-moral għoli tat-torok ġie mdgħajjef.

L-Istoriċi ta' l-Ordni jsemmu b'importanza l-qlubija ta' ċerti kavallieri u Maltin li għamlu isem tul l-Assedju. Ma jistgħax ikun li ma nsemmux żewġ leġġendarji Maltin li bil-kuraġġ tagħhom għenu direttament lil La Vallette. Kif jgħid Balbi, Luqa Briffa kien jaqbad it-Torok ħajjin billi jiddiżama l-anniversju tiegħu b'sempliċi mossa. Il-Malti ieħor huwa Toni Bajada. Balbi li jagħtina dan it-tagħrif fuq Toni u jgħid li kien iġib l-aħbarijiet lil La Vallette. L-erojiżmu kbir flimkien mad-determinazzjoni liema bħala wassluh biex iħalli isem kbir għalih u għal Malta f'nofs is-seklu sittax.

Dawn ix-xeni u aktar fuq l-Ewwel Assedju ta' Malta tista tarahom billi żżur il-mużew li għadu kemm fetaħ l-Birgu bl-isem ta' Vittoriosa 1565. Barra torok telgħu mas-swar, ħabs taħt l-art, irjus maqtgua, Dragut ferut għal mewt u La Vallette rebbieħ jista jara ukoll filmat qasir fuq l-Assedju li jġgħalek tħoss dak li ħassew missierijietna.

*Offerta lil qarrejja ta' din ir-rivista*
*(valida sal-31 ta' Diċembru 1999)*

*Il-membri kollha tal-korp tal-Pulizija flimkien mal-familjari tagħhom jistgħu jiġu jaraw dan il-mużew bi prezz speċjali: Tfal bil-50 cents u l-Kbar bil-Lm 1*

*Il-ħinijiet tal-ftuħ huma:*
*Mit-Tnejn sas-Sibt mid-9.00 sal-4.00*
*Il-Ħadd mid-9.00 sas-1.00*

PALPRINT
PRESS

Typesetters, Designers
and Printers of

*FULL COLOUR BROCHURES,*
*BOOKS, MAGAZINES, STATIONERY ETC..*

*We are also direct importers*
*of a large variety of*
*Wedding Invitations and Souvenirs*
*at very reasonable prices.*

**OUR LADY OF MERCY STR.,**
**BIR-ID-DEHEB, ZEJTUN.**
**TEL/FAX: 678609**

# XORB BIL-MODERAZZJONI

*"Xrobt biex inkun soċjevoli u spiċċajt niġġieled*
*Xrobt għall-ħbiberija u għamilt l-għedewwa*
*Xrobt biex nikkalma u bdejt nirtgħod*
*Xrobt biex nagħmel kuraġġ u rabbejt il-biża'*
*Xrobt għall-kunfidenza u sirt dubjuż*
*Xrobt biex insib l-ewforija u sibt il-miżerja."*

***(miktuba minn alkoħoliku anonimu)***

Il-mentalità ġenerali hija, li dawk in-nies li jkollhom xi problema serja biss jispiċċaw jixorbu eċċessivament. Din il-mentalità hija żbaljata, għax problema bħal din tista' tolqot lil kulħadd, kull ħin u mingħajr l-ebda avviż. Kemm hemm minnkom li qatt ma xorbu biex ikomplu mall-ħbieb jew forsi f'xi żmien ta' tensjoni? Min jirnexxielu jikontrolla u min jibqa sejjer sakemm jasal f'punt li ma jistax jerġa' lura. F'kelma waħda daqs kemm jista' jkun li l-problemi jġibu l-alkoħoliżmu ieħor jista' jkun li l-alkoħoliżmu li jġib il-problemi.



L-Alkoħol huwa l-eqdem u l-iktar droga wżata fid-dinja. F'ħafna pajjiżi, fosthom pajjiżna huwa legalizzat. Minħabba f'hekk dan sar soċjalment aċċettat u biż-żmien daħal parti mill-kultura tagħna. Tant hu hekk li llum il-ġurnata, jekk inti tmur tieġ jew xi okkażżjoni oħra li tkun mingħajr xorb, tarha stramba u kważi, kważi tibda tgħid li l-organizzaturi tqammlu!

Il-problemi ta' xorb eċċessiv jiżdiedu aktar malajr meta aħna nibdew nixorbu regolarment mingħajr ma nagħtu kas tal-limiti tagħna. Din ħafna drabi tiġri għaliex ix-xorb tant sar parti mill-ħajja li wieħed ma joqgħodx jieqaf iqis kemm filfatt qed jixrob u dan filfatt fejn jista jwasslu.

Ġeneralment, raġel jixrob aktar minn mara. Dan jista jkun minħabba l-kultura li taċċetta li raġel jixrob filwaqt li tħares bl-ikraħ lejn ix-xorb fuq in-nisa. Raġuni oħra tista' tkun li l-ġisem maskili iħaddem l-alkoħol iktar malajr. Raġel jista jixrob sa 21 unit mqassma fuq sebat ijiem (tlieta kuljum) filwaqt li mara tista tixrob sa 14 il-unit mqassma fuq sebat ijiem (tnejn kuljum)
(Unit ifisser tazza nbid tas-sieq, nofs pinta birra jew grokk xorb irqiq)

Għalhekk wieħed għandu jieqaf u jirrifletti fuq kemm ix-xorb jista' jinfluwenza u jibdel il-ħajja ta' persuna. Ix-xorb jista jaqla' mhux biss problemi fiżiċi u psikoloġiċi imma wkoll problemi familjari u soċjali. Importanti li wieħed ikun jaf il-limiti tiegħu u iżomm kont ta' kemm dawn il-limiti qed jinqabżu ta' spiss. Ftakar li x-xorb żejjed ma jagħmlekx nies..... mela ixrob bil-qies!

*Angelique Zammit Gatt*
*Prevention Team*
*Sedqa.*



# BOV Personal Loan

A loan that suits YOUR lifestyle - flexible repayment terms that provide you with that extra bit of cash when you need it most.

...a loan for all reasons

Bank of Valletta
*Malta's Leading Bank*

http://www.bov.com
e-mail: customercare@bov.com

For further information, please fill in and mail this coupon to:

The Manager, **BOV Personal Loan product**, Processing Centre, BOV Centre, High Street Sliema, SLM 16

Name: ______________________ Address: ______________________

______________________ Telephone: ______________


A Masterpiece by
FLOOR
GRES
CERAMIC TILES
The flooring of the sixteenth-century Vatican Museum galleries, worn by the passage of twelve to eighteen thousand visitors each day, was completely remodeled by Floor Gres with Chromtech fine porcelain stoneware made from an atomized blend of top quality clays.
Thousands of tiles were used to pave the floors of the Vatican Apostolic Library Salons, the Sacred Museum, the Gallery of Urbano VIII, the two Sistine Chambers, the two Pauline Chambers, the Alexandrine Chamber and the entire extent of the five Clementine Chambers.
Floor Gres have succeeded in providing an extremely durable floor that caters for the many thousands of daily visitors and blends with the architecture in perfect harmony.
The full range of Floor Gres Tiles laid in the Vatican are available exclusively from:
ROGER
SATARIANO
& SON LTD.
MSIDA VALLEY ROAD, B'KARA. TEL: 442769, 491017, 448628, 492548. FAX: 497017.